**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru, 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 1018/01JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**BAM Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u hmistax-il lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm1215.71), rapprezentanti seba' mija disgha u tletin lira Maltija tmienja u disghin (Lm739.98), minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta konnessi mal-"mobile phone" bin-numru 09434022, mija u hdax-il lira Maltija u tletin centezmu (Lm111.30) minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 0949 6182, mitejn u**

**tlettax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm213.50) minnhom bhala hlas ghal servizzi mis-socjeta` attrici konnessi mal-"mobile phone" bin-numru 09444585, u mija u hamsin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm150.93) minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici konnessi mal-"mobile phone" bin-numru 09428723;**

**Is-socjeta` konvenuta minkejja interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data meta kien dovut l-ammont rikjest fit-talba sad-data tal-pagament. Inkluzi l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta fir-rigward, u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Beppe Fenech Adami ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elf mitejn u hmistax-il lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm1215.71), bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Settembru, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat mal-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**